# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2165

## tas-17 ta' Diċembru 2019

## li jawtorizza t-tibdil tal-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel ġdid "iż-żejt taż-żerriegħa tal-kosbor mill-*Coriandrum sativum*" skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni biss jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat.

(3) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni u t-tqegħid ta' ikel ġdid fis-suq tal-Unjoni u dwar l-aġġornament tal-lista tal-Unjoni.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/155/UE ([3]) awtorizzat, skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), it-tqegħid fis-suq taż-żejt taż-żerriegħa tal-kosbor mill-*Coriandrum sativum* bħala ingredjent ġdid tal-ikel biex jintuża fis-supplimenti tal-ikel.

(5) Fit-2 ta' Lulju 2019, il-kumpanija Ovalie Innovation ("l-applikant") għamlet talba lill-Kummissjoni biex tibdel l-ispeċifikazzjonijiet taż-żejt taż-żerriegħa tal-kosbor mill-*Coriandrum sativum* skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283. L-applikant talab li jitnaqqas il-livell minimu tal-aċidu olejku minn 8,0 % għal 7,0 %.

(6) L-applikant iġġustifika t-talba billi indika li l-bidla hija meħtieġa sabiex tirrifletti l-varjazzjoni naturali fil-livelli tal-aċidu olejku osservati fil-pjanta tal-*Coriandrum sativum*.

(7) Il-Kummissjoni tqis li mhijiex meħtieġa evalwazzjoni tas-sikurezza tal-applikazzjoni attwali mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283. L-aċidu olejku huwa l-komponent ewlieni naturali taż-żejt taż-żebbuġa. Jinsab ukoll b'mod naturali, f'livelli identiċi għal-livelli proposti għall-ikel ġdid, f'numru ta' ikel bażiku ieħor li għandu storja twila ta' konsum sikur.

(8) Il-bidla proposta fil-livelli tal-aċidu olejku taż-żejt taż-żerriegħa tal-kosbor mill-*Coriandrum sativum* ma tbiddilx il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tas-sikurezza mwettqa mill-Awtorità ([5]) li appoġġat l-awtorizzazzjoni tagħha bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/155/UE. Għalhekk, jixraq li jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel ġdid "iż-żejt taż-żerriegħa tal-kosbor mill-*Coriandrum sativum*" għal-livell propost għall-aċidu olejku.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/155/UE tad-19 ta' Marzu 2014 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq taż-żejt taż-żerriegħa tal-kosbor bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 85, 21.3.2014, p. 13).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti ġodda tal-ikel (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).

([5]) *EFSA Journal* 2013;11(10):3422

(9) L-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-bidliet proposti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel ġdid "iż-żejt taż-żerriegħa tal-kosbor mill-*Coriandrum sativum*" jikkonformaw mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat, kif prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2015/2283 u inkluża fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470, li tirreferi għall-ikel ġdid "iż-żejt taż-żerriegħa tal-kosbor mill-*Coriandrum sativum*", hija emendata kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470, l-entrata għaż-"żejt taż-żerriegħa tal-kosbor mill-*Coriandrum sativum*" fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) hija sostitwita b'dan li ġej:

| 'Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| "**Żejt taż-żerriegħa tal-kosbor mill-*Coriandrum sativum*** | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>Iż-żejt taż-żerriegħa tal-kosbor huwa żejt li fih il-gliċeridi ta' aċidi xaħmin u li huwa prodott miż-żrieragħ tax-xitla tal-kosbor *Coriandrum sativum* L.<br>Kulur isfar ħafif; togħma xejn partikolari.<br>Nru tal-CAS: 8008-52-4<br>Kompożizzjoni tal-aċidi xaħmin:<br>Aċidu palmitiku (C16:0): 2–5 %<br>Aċidu steariku (C18:0): < 1,5 %<br>Aċidu petroseliniku (cis-C18:1(n-12)): 60–75 %<br>Aċidu olejku (cis-C18:1(n-9)): 7–15 %<br>Aċidu linolejku (C18:2) 12–19 %<br>α-Aċidu linoleniku (C18:3): < 1,0 %<br>Aċidi xaħmin trans: ≤ 1,0 %<br>**Purità:**<br>L-indiċi refrattiv (20 °C): 1,466–1,474<br>Valur tal-aċidu: ≤ 2,5 mg KOH/g<br>Valur tal-perossidu (PV): ≤ 5,0 meq/kg<br>Valur tal-jodju: 88–110 unitajiet<br>Valur tas-saponifikazzjoni: 179–200 mg KOH/g<br>Materjal insaponifikabbli: ≤ 15 g/kg" '. |